# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 258/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Sammut**

Seduta tad-29 t'Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Roderick Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 9886M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Charmaine Abela, is-somma ta' €900, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Gunju, 2018 li biha sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal xaghrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 2018,li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati u thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi fil-mori tal-appell l-appellant ssalda d-debitu tieghu billi hallas il-manteniment dovut lilha skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba;